**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU, 2001

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 321/01 AE**

**Joseph u Mary Carol konjugi Farrugia**

**vs**

**Joanna Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) liema somma tikkonsisti fi hsarat u nuqqasijiet li gew kagunati fil-fond Mignon, 69, Triq il-Kwartieri Swieqi fiz-zmien li l-fond kien mikri lill-konvenuta bejn it-18 ta' Dicembru 1999 u t-18 ta' Awissu 2000.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tieghu:

(i) L-atturi rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170) stante hlas fil-mori ta' dawn il-proceduri;

(ii) Il-partijiet ddikjaraw li kienu ftehmu u li l-konvenuta assumiet ir-responsabbilta li thallas is-somma pretiza permezz ta' pagamenti mensili ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar.

(iii) Il-konvenuta, tramite l-avukat difensur taghha, ammettiet it-talba ta' l-atturi kif ridotta.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170).

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**